**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Louise Grech

vs

Karen Shaw ezercenti l-kummerc bhala Beauty Point Wellness Centre

CCT 74/17/MS

23 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Mejju 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' mija u tletin Euro (€130.00) minghand l-intimata, ghal xoghol professjonali in konessjoni ta' sbuhija, liema xoghol ma sarx a sodisfazzjon tar-rikorrenti.

Ra r-risposta pprezentata fl-24 ta' Mejju 2017 fejn l-intimata cahdet l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u kwalunkwe xoghol li gie ezegwit fuq ir-rikorrenti sar skond is-sengha u l-arti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Sema t-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi fuq rakomandazzjoni taghh ir-rikorrenti Louise Grech avvicinat l-intimata li tigestixxi Beauty Salon bl-isem ta' Beauty Point Wellness Centre li tinsab fi Triq Misrah il-Barrieri l-Imsida. Ir-rikorrenti kellha f'mohhha illi taghmel zewg interventi partikolari - wahda kienet li tnehhi *eyebrow tattoo* li kien sar minn haddiehor kif ukoll tnehhija ta' *tattoo* ohra fuq il-gisem. Ir-rikorrenti ltaqghat mal-intimata fejn spjegatiha x'kienet qed tippretendi minghandha, pero' l-intimata dehrilha

illi l-*eyebrows* setghet tirrangahom bi procedura rimedjali u li f'darba jitrangaw, filwaqt li t-tatto fuq il-gisem kellu jiehu mas-sitt xhur sabiex tmur kompletament. Ir-rikorrenti kienet xettika dwar l-eyebrows u baqghet tinsisti illi tnehhihom, pero' daqstant iehor insistiet l-intimata illi l-procedura rimedjali kienet mija fil-mija korretta u r-rizultat kien sejjer joghgobha zgur. Ir-rikorrenti tghid illi fl-ahhar qaghdet fuq din ir-rakomandazzjoni tal-intimata bil-garanzija moghtija. Tghid ukoll illi nghatat zewg dokumenti sabiex tarahom u tiffirmhom, liema dokumenti r-rikorrenti esebiet bhala dok LG1 u LG2. Fl-atti ir-rikorrenti esebiet diversi dokumenti li pero' tghid li xi whud minnhom ma gewx moghtija lilha qabel l-intervent u whud ohra kien hemm kitba fuqhom illi zgur ma sarux fil-presenza taghha u li l-informazzjoni moghtija hemm ma kenitx vera. Ta' dawn iz-zewg interventi r-rikorrenti hallset mija u tletin Euro, kwantu ghal tmenin Euro ghall-ewwel intervent tal-*eyebrows* u hamsin Euro ghal *patch test* ghat-tnehhija tal-*body tattoo.*

L-ewwel intervent sar u ghal bidu deher illi kien ser ikun success, pero' konsegwenza tal-intervent il-gilda rabbiet qoxra u l-intimata qaltilha li dan kien normali u hekk kif taqa' l-qoxra jkun jidher ir-rizultat ahhari. Fil-frattemp, sar it-tieni intervent bi prova sabiex titnehha *tattoo* li r-rikorrenti kellha fuq gisimha. Dan il-*patch test* sar u wkoll trabbiet qoxra li suppost darba dina taqa' t-*tattoo* titlaq maghha. Fiz-zewg interventi, pero', r-rikorrenti ma kenitx sodisfatta. Rigward l-*eyebrows* dawna baqghu kif kienu u r-rigward it-*tattoo*, ghad li ccarat xorta baqghet tidher jekk thares lejha mill-vicin.

Illi min-naha l-ohra l-intimata Karen Shaw, filwaqt illi kkonfermat li r-rikorrenti giet ghandha ghal *tattoo removal* kemm ghal *eyebrows* kif ukoll ghal *tattoo* li kellha fuq gisimha, tghid illi wara *consultation* kienet issuggerietilha li flok tnehhi t-*tattoo* kompletament setghet taghmilha procedura ta' korrezzjoni. Tghid ukoll illi avzat lir-rikorrenti illi l-procedura tal-*eyebrows* ma kienx process ta' darba u fir-rigward *l-body tattoo* din kellha tiehu z-zmien sabiex johrog ir-rizultat. Quddiem dan it-Tribunal, argumentat illi peress illi kienet qed tahdem fuq xoghol ta' haddiehor ma setghetx tanticipa x'kien ser jigri u filwaqt illi rrikonoxxiet ili x-xoghol li kienet ghamlet hi fuq l-*eyebrows* iffadja kompletament, dawna huma affarijiet illi jigru.

Ikkunsidra

Illi skond dawn ir-rizultanzi processwali jidher illi kemm qbil bejn il-partijiet li l-procedura uzata mill-intimata ma kenitx success, kemm ghal dak li jirrigwarda l-*eyebrows* kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-*body tattoo.* Ta' dan in-nuqqas ir-rikorrenti timputa responsabbilta' fuq l-intimata u r-raguni principali hi li l-intimata kienet ipperswadietha li taghmel intervent differenti minn dak li marret ghalih u li assiguratha li r-rizultat kien sejjer joghgobha zgur. It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrenti marret ghand l-intimata bil-hsieb esklussiv li tnehhi t-*tattoo* tal-*eyebrows* u *tattoo* iehor li kellha fuq gisimha. Fi kliem iehor marret ghal *tattoo removal* u qatt ma riedet korrezzjoni ghat-*tattoo* li kellha fuq l-*eyebrows.* Kien biss wara insistenza min-naha tal-intimata li assikuratilha success mija fil-mija illi r-rikorrenti kkonsentiet ghal tali intervent. Hawnhekk hawn diskrepanza fix-xhieda tal-partijiet peress illi r-rikorrenti tghid illi l-intimata qaltilha li intervent ta' darba ghal *eyebrows* kien ser ikun bizzejjed, waqt illi l-intimata tghid illi avzatha illi seta' jkun hemm

aktar mill-invervent wiehed. Veru illi hemm *caveat* f'wiehed minn dokumenti illi l-intimata tghid li tat lir-rikorrenti, izda r-rikorrenti min-naha l-ohra tghid illi dak id-dokument partikolari qatt ma gie moghti lilha. Ghalhekk dan it-Tribunal sejjer jibbaza l-konkluzjoni tieghu fuq ix-xhieda viva voce mresqqa quddiemu.

It-Tribunal huwa aktar propens illi jersaq lejn il-versjoni moghtija mir-rikorrenti illi din giet konvinta illi taghmel intervent li ma xtaqitx permezz tal-perswazjoni u l-garanzija moghtija mill-intimata. Isibha ferm stramba kif l-intimata tidhol biex taghmel intervent bhal dan u fl-istess hin tirrimarka quddiem dan it-Tribunal illi ma kenitx taf x'ser jigri peress illi haddmet fuq xoghol ta' haddiehor. Jekk dana huwa l-kaz u kellha d-dubju taghha, allura ma missetx dahlet ghal dan l-intervent, parikolarment f'kaz bhal dan meta r-rikorrenti dehret ferm xettika u vulnerabbli wara intervent kirurgiku. L-intimata setghet kienet in *buona fede* meta ssuggeritilha procedura ta' korrezzjoni (u proabbilment hekk hu), pero' forsi qabbzet il-limitu jew kien hemm malintiz meta pperswadiet lir-rikorrenti taccetta intervent li ma reditx u li wara kollox ma setax ikun mija fil-mija garantit kif issugeriet lir-rikorrenti.

Illi pero' fil-kwistjoni tat-*test patch tattoo removal* il-procedura kienet wahda voluta mir-rikorrenti u fil-fatt saret kif suppost. L-intimata kienet avzat lir-rikorrenti illi kellu jghaddi terminu ta' zmien sabiex ir-rizultat jidher sew. Dan huwa konfermat miz-zewg partijiet fejn isemmu terminu ta' sitt xhur. Il-partijiet ukoll ikkonfermaw illi wara l-intervent, it-*tattoo* iccarat izda ma marritx kompletament. Izda zgur ma lahqux ghaddew sitt meta saret din l-osservazzjoni.

It-Tribunal ghalhekk ihoss li l-intimata ghandha terfa' resposabbilita' tal-intervent illi ghamlet fuq l-*eyebrows*, izda mhux ghal dak illi ghamlet fuq it-*tattoo* tal-gisem.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimata li tirrifondilha s-somma ta' tmenin Euro (€80.00). Bl-ispejjes kontra l-intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru